# L-Artal tal-Kruċifissjoni u l-Pittura tal-Prof. Ġużeppi Briffa fil-Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija Birkirkara

**Minn Sandro Sciberras**



Waħda mill-isbaħ prospettivi li żżejjen "l-artali" fil-Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija, hija dik magħrufa bħala tal-Kruċifissjoni, li tinsab hekk kif tidħol mill-bieb tal-lemin fil-ġenb tal-knisja. F'dawn l-aħħar snin, f'din il-prospettiva, matul is-sena, hemm imdendel kurċifiss mogħti minn benefatturi. F'din il-prospettiva jiġi armat l-Artal tar-Repożizzjoni għal Ħamis ix-Xirka u l-Ġimgħa l-Kbira. Skolpiti fil-kolonni u mad-dawra tagħha kollha jidhru numru ta' simboli marbuta mal-Passjoni bħal: kuruni tax-xewk, imsiemer u anġlu jżomm velu b'wiċċ Kristu fuqu.

Il-prospettiva originali kienet saret qrib l-1723 iżda fis-snin ta' wara, meta l-knisja ingħalqet, sofriet ħsarat kbar meta partijiet sostanzjali minnha tneħħew u jew ġew ivvandalizzati. Fost dawn insemmu l-kolonni li ttieħdu u li imbgħad intużaw fl-artal ewlieni tal-Knisja ta' San Pawl tal-Wied. Tneħħa ukoll anġlu kbir li hemm fuq in-naħa ta' fuq tal-prospettiva. Dan il-vandaliżmu probabli sar f'xi żmien fil-bidu tas-seklu 20. Nistgħu nobsruh dan minn ritratt li jinsab fil-ktieb ta' E. B. Vella, *Storja ta' Birkirkara bil-Kolleġġjata Tagħha* tal-1934, fejn il-kolonni jidhru diġa neqsin u fil-parti ta' fuq tal-prospettiva tidher tip ta' pjattaforma li setgħet intużat meta inqala l-anġlu minn mal-iskultura.

B'xorti tajba nafu kif kienet tidher din il-prospettiva qabel ma ġiet ivvandalizzata minn sejre ta' pjanti magħmula minn Francesco Zammit fuq ordni tas-*Società delle Arti e Commercio* fl-1867 u li jinsabu fil-Bibljoteka Nazzjonali. Dawn il-pjanti kienu utli ferm meta fl-1991, Tarcisio Montebello u John Agius irrestawraw din il-prospettiva bħala parti mix-xogħlijiet saru fil-knisja wara li reġgħet infetħet.

Fl-1980, il-pittur Karkariż il-Prof. Ġużeppi Briffa kien

pitter inkwatru, żejt fuq it-tila, bit-tema tal-Kruċifissjoni apposta għal din il-prospettiva. F'din il-pittura jidher Kristu msallab fiċ-ċentru, bil-Madonna u San Ġwann fuq kull naħa tal-Kurċifiss. Jidhru wkoll xi suldati fuq wara tax-xena u personaġġ ieħor taħt is-salib qed iżomm għamla ta' kalċi f'idejh. Dan l-inkwatru baqa' mhux mitmum għal kollox, tant li għadhom jidhru n-noti tal-artist mal-ġenb tat-tila u qatt ma ġie mħejji biex jitpoġġa f'postu. Wara l-mewt ta' Briffa fl-1987, it-tila ġiet irrumblata u tpoġġiet fl-Oratorju tal-knisja fejn sofriet ħsarat minħabba l-umdità u l-ilma. Għal din ir-raġuni żviluppaw xi xquq u tfarfret iż-żebgħa f'xi partijiet. Xi seba' snin ilu, il-tila ssammret ma' njama u ddendlet fl-Oratorju biex ġiet evitata iktar ħsara.

Fil-bidu tal-2012 il-Parroċċa ddeċidiet li tirrestawra din il-pittura u tiġi mmuntata b'tali mod li fl-aħħar tkun tista' titpoġġa fil-prospettiva għal fejn kienet maħsuba. Ix-xogħol ġie afdat lil PreVarti, kumpanija li tagħmel xogħol ta' konservazzjoni ta' wirt storiku b'mod professjonali. Il-proġett ser ikun jinkludi, fost oħrajn, it-tindif tat-tila, il-konsolidament tal-livelli taż-żebgħa, tiswija tat-tiċrit fil-tila u l-preparazzjoni finali biex imbgħad tiġi immuntata f'inkwatru. Huwa mistenni li x-xogħol idum numru sostanzjali ta' ġimgħat biex jitlesta.

Dan ser ikun l-ewwel artal u l-uniku wieħed li ser ikollu inkwatru maħdum propju għalih, wara li dawk oriġinali kienu tneħħew kollha meta l-knisja ingħalqet mijiet ta' snin ilu. Huwa wkoll mod xieraq ta' kif jitfakkar il-Prof. Ġużeppi Briffa, li bix-xogħlijiet tiegħu sebbaħ tant knejjes kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex.





Referenzi:
Ġużeppi Theuma, *L-Arti fil-Knejjes minn Mitt Pittur Malti*, paġna 35.
Kan Vinċenż Buhagiar, *Ġużeppi Briffa Pittur* fil-Pronostiku Malti 1982, paġni 121-126.
SAL u Philip Xuereb, *Birkirkara – Storja, Kolleġġjata, Knejjes Filjali*, paġna 311.